MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2466/2002

**Avviz Numru 2466/02 AJD**
**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Veltrade Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u erbatax il-lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm714.17) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' tas0socjeta' konvenuta mas-socjeta' attrici (Dok. A1 sa A20) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2002 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Gunju 2002.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-PL Joseph Zammit in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u erbatax il-lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm714.17), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Gunju 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**